**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Mejju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Johann J. Fenech**

**Vs**

**Hussein Abdullahi Jama**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Hussein Abdullahi Jama, t'20 sena, iben Abdullahi u Annb Gahir, imwieled is-Somalja fl-1 ta' Jannar 1996, residenti gewwa Nru 54, St Maria, Triq il-Mandolina, Birzebbuga w detentur ta' dokument t'identita' nru 120410A;

Talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Marzu 2016, f'Birzebbuga:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna t'Abdullahi Adam Ibrahim, minhabba li l-istess offiza se tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh, kif ukoll sfregju gravi u permanenti f'wahda mill-idejn ta' l-istess Abdulahi Adam Ibrahim, skond kif iccertifikat Dr. C. Mizzi MD mic-Centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid;

2) Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazjzoni;

3) Il-Qorti hija gentilment mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tapplika l-Atikoli 383, 384 u 385 tal-istess Kap. ghas-sigurta' t'Abdulahi Adam Ibrahim, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

4) Fl-ahharett, il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra t'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien jirresjedi f' appartament flimkien ma' terzi, fosthom il-vittma tal-kaz odjern, certu Adam Ibrahim. Fil-lejl in kwistjoni, l-imputat dahal fl-istess appartament u ghal xi raguni kellu xi jghid ma' Adam Ibrahim, tant li spicca keccih mill-appartament billi uza l-forza fuqu u anke gidimlu subghajh. Ibrahim mar lura fl-istess appartament armat b'zappuna u xejjer daqqa lill-imputat u laqtu f'rasu, bil-konsegwenza li Jama sofra griehi gravi wkoll. Il-Pulizija marru fuq il-post u interrogaw liz-zewg persuni, u b'hekk ittiehdu dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti jirrisulta li dawn iz-zewg persuni ta' nazzjonalita' Somala kellhom argument fl-appartament fejn kienu jghixu ma' persuni ohra. F'dan l-argument, l-imputat gidem lil Adam Ibrahim f'subghajh u anke aggredih b'sikkina, u Ibrahim mar gab zappuna mit-triq, fejn kienu qed isiru xi xoghlijiet fl-istess triq, u xejjirlu daqqa f'rasu biha. Adam Ibrahim xehed u spjega kif gie aggredit mill-imputat meta hu kien rieqed fl-appartament imsemmi, u spjega wkoll li kien mar gab zappuna u ta daqqa biha f'ras Jama. Xehdu l-Pulizija li nvestigaw il-kaz, u qalu kif sabu liz-zewg persuni fl-appartament, u Jama kellu hafna dmija u ferita ferm vizibbli f'rasu. Xehed ukoll it-tabib Dr Mario Scerri, inkarigat mill-Qorti, li qal li Adam Ibrahim kellu ferita f'sebghu li halliet marka vizibbli u li kienet kompatibbli ma' gidma. Din il-ferita giet klassifikata minnu bhala wahda hafifa, ghax ma halliet ebda mankament permanenti fil-funzjoni ta' id Adam Ibrahim. L-Artikolu tal-ligi applikabbli ghal dan il-kaz, ghalhekk, huwa l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa kompriz u involut fl-Artikolu 218 indikat mill-Avukat Generali.

Id-difiza ma ressqet ebda provi.

Huwa evidenti li kien hemm argument bejn dawn iz-zewg persuni, u huwa evidenti ukoll li, ghalkemm l-incident gie provokat mill-imputat – minghajr ma nafu r-raguni – jidher li kien l-istess imputat li sofra l-aktar griehi serji, mentri l-vittma, Adam Ibrahim, sofra biss griehi hfief. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti hi tal-fehma li l-htija tal-imputat giet ippruvata, izda l-ferita kkawzata lil Ibrahim hija biss wahda hafifa, u ghalhekk ghandu jkun hemm temperament fil-piena. Ghalhekk il-Qorti sejra tapplika sanzjoni fil-komunita' minnflok piena ghal dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 218(1)(a), 218(1)(b), 218(2), 339(1)(e), 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, salv li l-griehi kienu ta' natura hafifa ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**